

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-9 ta' Settembru 2011 —
Deltafina vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-12/06) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Taljan tax-xiri u tal-ewwel ipproċċessar ta' tabakk mhux maħdum — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-suq — Immunità minn multi — Kooperazzjoni — Multi — Proporzjonalità — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti”)

(2011/C 311/53)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Deltafina SpA (Orvieto, l-Italja) (rappreżentanti: R. Jaccchia, A. Terranova, I. Van Bael, J.-F. Bellis u F. Di Gianni, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment A. Whelan u F. Amato, sussegwentement A. Whelan u V. Di Bucci, u finalment É. Gippini Fournier u L. Malferrari, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament jew, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq Deltafina permezz tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4012 finali, tal-20 ta' Ottubru 2005, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81(1) [KE] (kawża COMP/C-38.281/B.2 — Tabakk mhux ipproċċessat — L-Italja).

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Deltafina SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 60, 11.03.2006.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-9 ta' Settembru 2011 —
Alliance One International vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-25/06) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordju — Suq tal-méthacrylates — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Multi — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Nuqqas ta' applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew pratiki li jikkostitwixxu ksur”)

(2011/C 311/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Alliance One International, Inc. (Danville, Virginia, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: C. Osti u A. Prastaro, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment É. Gippini Fournier u F. Amato, sussegwentement É. Gippini Fournier u N. Khan, aġenti)

Suġġett

Principalement, talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4012 finali, tal-20 ta' Ottubru 2005, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81(1) [KE] (kawża COMP/C-38.281/B.2 — Tabakk mhux ipproċċessat — L-Italja), u, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq Alliance One International.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Alliance One International, Inc hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 60, 11.03.2006.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-15 ta' Settembru 2011 —
Lucite International u Lucite International UK vs
Il-Kummissjoni**

(Kawża T-216/06) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordju — Suq tal-méthacrylates — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Multi — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Nuqqas ta' applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew pratiki li jikkostitwixxu ksur”)

(2011/C 311/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lucite International Ltd (Southampton, ir-Renju Unit); u Lucite International UK Ltd (Darwen, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: R. Thompson, QC, S. Rose u A. Chandler, solicitors)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn V. Bottka, F. Amato u I. Chatzigiannis, sussegwentement minn V. Bottka, I. Chatzigiannis u F. Arbault, aġent)

Suġġett

Talba ta' tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti skont l-Artikolu 2(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 2098 finali, tal-31 ta' Mejju 2006, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.645 — Méthacrylates).

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) It-talba tal-Kummissjoni intiża għat-tnejha tal-immunità hija miċħuda.